**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 160/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Albert Grima**

Illum, it-28 ta' Novembru 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Albert Grima**, detentur tal-karta ta' l-identita 0170081M imwieled gewwa Pieta' nhar it-28 ta' Marzu, 1981, u residenti fil-fond bin-numru 45, 'Sweet Peas', Triq Franza, Naxxar u akkuzatu talli:

Nhar il-13 ta' Jannar, 2022, u fil granet, gimghat u xhur ta' qabel gewwa l-Mellieha u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Kellu fil-pussess tieghu animal perikoluz cioe' Chlorocebus Sabaeus, fejn ma kienx registrat biex izzommu, u dan bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-L.S. 439.19 tal-Ligiiiet ta' Malta;

2. Gie akkuzat ukoll talli fl-stess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz cioe' Chlorocebus Sabaeus, f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Gie akkuzat ukoll talli fl-stess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz cioe' Chlorocebus Sabaeus mhux gewwa stabbiliment Zoologiku, u dan bi ksur tar-Regolament 3(2) tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Gie akkuzat ukoll talli fl-stess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz cioe' Chlorocebus Sabaeus f'maghlag li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-L.S. 439.19 tal-Ligiiiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna il-konfiska tal-*corpus delicti* u l-iskwalifika miz-zamma jew ksib ta' xi warrant, licenzja, permess jew awtorita' skond ir-Regolament 16 tal-L.S. 439.19.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-27 ta' Frar 2023.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-23 ta' Marzu 2023.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna l-allegata zamma ta' xadina tat-tip *green monkey* (*chlorocebus sabaeus*) mill-imputat minghajr ma dan l-annimal, il-lok u l-

[1] Folio 9 ta' l-atti processwali
[2] Folio 8 ta' l-atti processwali
[3] Folio 47 ta' l-atti processwali
[4] Folio 48 ta' l-atti processwali

maghlaq fejn qed jinzamm kif ukoll is-sid ma kienu debitament registrati mad-Dipartiment ghas-Servizzi Veterinarji u approvati ghal-tali skop.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022 xehdet **Silvania Cassar Gauci**[5], Senior Veterinary Support Officer. Spjegat li fit-18 ta' Jannar 2020 kien dahal rapport dwar persuna li kien qed izomm xadina tat-tip *green monkey* fil-Mellieha, Ta' Cetta, Triq il-Qammiegh. Wara verifiki li saru inkluz permezz ta' zewg spezzjonijiet fuq il-post, irrizulta li la x-xadina, la s-sid u lanqas il-post fejn kienet qed tinzamm ma kienu registrati mad-Dipartiment, u dan minkejja li sas-sena 2016 kellha ssir registrazzjoni. Is-sid huwa l-imputat Albert Grima li x-xhud gharfet fl-awla. Regghat saret spezzjoni fil-31 ta' Jannar 2020 u fil-11 ta' Frar 2022, regghat marret fuq il-lok biex tosserva waqt li x-xadina giet *microchipped* mill-veterinarju inkarigat mis-sid. Spjegat li mill-lat ta' *animal welfare*, ix-xadina hija mizmuma tajjeb. Spjegat li waqt l-ewwel spezzjoni, l-imputat kien qal li gab ix-xadina minghand xi hadd iehor. Ma rrizultax li x-xadina kienet regisrata fuq is-sid precedenti lanqas. Stqarret li kif inhi l-ligi bhalissa, ma hux possibbli li l-imputat jirregistra x-xadina u d-decizjoni li tinhareg kwerela f'dan il-kaz kien hadha Dr Paul Joseph Portelli, li huwa d-Direttur ghas-Servizzi Veterinarji.

[5] Fol. 13-35 tal-atti processwali.

Ix-xhud esebiet *Inspection Report*[6] fejn hemm spjegazzjoni dwar l-ispezzjoni li saret nhar il-11 ta' Frar 2022 wara li irceviet telefonata li x-xadina kienet ser tigi *microchipped*.

Ix-xhud esebiet ukoll rapport mit-tabiba veterinarja[7] fejn tikkonferma li x-xadina giet *microchipped* u tinstab f'kundizzjoni u sahha tajba.

Fis-seduta ta-31 ta' Jannar 2023 xehed **Dr Paul Joseph Portelli**[8], Direttur tas-Servizzi Veterinarji, li spjega li x-xadini huma meqjusa bhala animal perikoluz minhabba li jistghu jmexxu ghadd ta' mard li jaffettwa ukoll lill-bniedem. Ghalhekk hemm l-obbligu li dawn l-annimali jigu registrati sabiex ukoll jigi verifikat l-origini taghhom. Kien hemm xahrejn zmien fis-sena 2016 sabiex min ghandu annimali perikoluzi jirregistrahom izda issa ma jistghux jigu accettati registrazzjonijiet. Spjega li fic-cirkostanzi, jista' l-annimal jigi "proprjeta` tad-Direttorat" bil-possibilita` li anke` jigi mibghut pajjiz iehor fejn hemm facilitajiet idoneji ghalih, u dan ghax id-Direttorat ma ghandux dawn ir-rizorsi. In kontro-ezami, spjega li soluzzjoni possibbli hija li x-xadina tigi registrata fuq id-Dipartiment izda tibqa' fil-pussess tal-imputat u jekk jinsab li mhux qed jikkuraha b'mod responsabbli, tigi kkonfiskata.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 xehed minn rajh **l-imputat Albert Grima**[9]. Spjega x-xadina in kwistjoni spiccat ghandu wara li s-sidien precedenti taghha, li kienu zewg nisa, kienu ser jitilqu minn Malta u kien ser ikollhom iraqqdu x-xadina diment li ma tigix *rehomed*. Huwa kien offra li jzommha hu izda wara ftit dahal rapport u gie mitlub li jkellem lid-Direttora tas-Servizzi Veterinarji. Saret spezzjoni u "Sylvana" qaltlu li x-xadina kienet kundizzjonata u qaltlu ukoll sabiex ix-xadina tigi *microchipped* u sabiex ikompli jipprepara l-gagga

[6] Dok SCG1, Folio 36 ta' l-atti processwali
[7] Dok SCG2, Folio 38 ta' l-atti processwali
[8] Fol. 42-46 tal-atti processwali.
[9] Fol. 49-53 tal-atti processwali

ghax “wisq probabbli ha jibqa’ hawnhekk” b’referenza ghax-xadina. Kien biss wara sentejn li rcieva l-karti ghall-Qorti. In kontro-ezami stqarr li filwaqt li ma ghandux permess biex izomm ix-xadina, ma kienx jaf li fil-fatt ghandek bzonn permess.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat kellu perjodu ta’ zmien ta’ xharejn fis-sena 2016 fejn seta jirregistra l-annimal in kwistjoni. Jirrizulta li l-imputat ma kienx ghamel hekk u per konsegwenza sal-llum il-gurnata baqa qatt ma rregistra l-annimal.

Jirrizulta wkoll pero, li anke li kieku l-imputat ried li jirregistra l-annimal dan jinsab fl-impossbilita li jaghmel hekk ghaliex skond ix-xhieda al-prosekuzzjoni illum il-gurnata ma jistghux jigu accettati iktar registrazzjonijiet ghaliex l-ahhar opportunita kienet fis-sena 2016.

Illi l-Qorti rat l-iskeda A (Regolament 4) tal-Ligi Sussidjarja 439.19 fejn propju tipprovdi l-Applikazzjoni ghar-Registrazzjoni bhala Persuna li Zzomm. Illi din il-ligi dahhlet fis-sehh nhar il-5 ta’ Frar 2016 u ma jirrizultax li qatt kienet aggornata minn dak iz-zmien l-hawn. Ma jirrizultax minn l-istess ligi li hemm xi impediment jew limitu fil-perjodu ta’ zmien meta registrazzjoni tista ssir.

Il-Qorti rat li l-imputazzjonijiet jirreferu ghal perjodu tas-sena 2022 u fil-granet, gimghat u xhur ta’ qabel. Illi ghalhekk jirrizulta li l-perjodu ta’ zmien qieghed jirreferi ghal bejn is-sena 2021 u s-sena 2022. Ghalhekk jirrizulta li l-imputat kien fl-impossibilita li jirregistra l-annimal in kwistjoni jekk l-awtoritajiet infushom ghamlulu impediment milli jirregistra li kienet taghlaq snin qabel fis-sena 2016. Illi di piu l-awtoritajiet ghamlu limitazzjoni fuq applikazzjoni li tmur lura ghal iktar minn seba’ snin minghajr qatt ma nhalqet opportunita fil-frattemp sabiex jinfethu l-applikazzjonijiet.

Illi mill-ligi stess ma jirrizultax lanqas li dan is-speci ta' annimal ma setax jigi registrat ghaliex m'hemmx indikat b'mod car li s-speci *Chlorocebus Sabaeusi* hija prekluza milli tigi registrata.

Ghalhekk jirrizulta li r-raguni unika ghalfejn l-imputat qatt ma rregistra l-annimal in kwistjoni kien minhabba l-awtoritajiet li ghamlulu impediment milli japplika u mhux ghax kellu l-*mens rea* propju li jevita tali registrazzjoni. Illi ma jistax jinghad li l-imputat kellu l-intenzjoni li ma jirregistrax l-annimal in kwistjoni ghaliex kien imwaqqaf mill-awtoritajiet li ma tawhx l-opportunita li jaghmel hekk u ghalhekk gie minnhom li naqqsu milli jipprovdi mezz sabiex jirregistra l-annimal. Illi b'din is-sitwazzjoni l-imputat tqieghed f'posizzjoni fejn irrid jew ma rridx gie allegat li kiser il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata u sejra tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

Illi ghar-rigward il-kumplament ta' l-imputazzjonijiet u cioe it-tieni, tielet u r-raba jirrizulta li kienet saret spezzjoni mid-Direttorat fejn anke kienu prezenti waqt li l-annimal in kwistjoni kien *micro chipped*. Jirrizulta wkoll li l-annimal kien qed jinzamm fi stat u kundizzjoni tajba. Madankollu l-post fejn kien qed ikun u ghadu mizmum l-annimal ma huwiex ikkunsidrat post adegwat jew li jirrispekja dak li jipprovdu r-regolament 3, 4 u 5 tal-L.S 439.19.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex issib htija dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[10], li tindika li fil-passat, l-imputat kien gie kkundannat ghal piena karcerarja in konnessjoni ma reat ta' traffikar ta' sustanzi illeciti, madankollu ma tindika l-ebda precedent li huwa tan-natura tal-akkuzi odjerni.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 3(2); 4(1); 4(2); 5(2) tal-L.S. 439.19 qed issib lil Albert Grima **mhux hati** ta' l-ewwel imputazzjoni li minnu qed jigi liberat u **hati** tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah multa ta' tlett elef Euro (€3000).

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru, 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**

[10] Fol. 6-7 ta' l-atti processwali